MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru 878/1999

**PULIZIJA**
**SPETTUR SILVIO VALLETTA**
**VS**
**JASON GATT**
**GEORGE AZZOPARDI**
**GORDON DIMECH**
**KEVIN AZZOPARDI**
**SHAUN DEBONO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati:

Jason Gatt ta’ 21 sena, iben Grezzju u Josephine nee’ Spiteri, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Mejju 1978, residenti 6, Triq il-Qalb Mqassa, St. Venera u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 255978(M);

George Azzopardi ta’ 20 sena, iben Gerry u Anna nee’ Spiteri, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Dicembru, 1978, residenti ‘Gatt House’ Triq ir-Ridott, Bahar ic-Caghaq u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 63179(M);

Gordon Dimech ta’ 22 sena, iben Samuel u Annie nee’ Cucciardi, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ Gunju, 1977, residenti 1, Triq Fidele, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 300577(M);

Kevin Azzopardi ta’ 23 sena, iben Anthony u Vincenza nee’ Fitzpatrick, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Marzu, 1976, residenti Flat 1, Block C1, Triq id-Duluri, Pieta’ u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 168676(M);

Shaun Debono ta’ 25 sena, iben Alfred u Euna nee’ Moy, imwieled fit-18 ta’ Dicembru, 1973, residenti Flat 5, Block S, Housing Estate, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 21574(M).

Billi huma akkuzati kif gej:

Jason Gatt u George Azzopardi wahedhom akkuzati:

1). Talli f’Santa Venera, fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Awissu 1999, mill-football club maghruf bhala ‘Inter Club’ sitwat fi Triq il-Gdida fi Triq Regjonali, kkommettew serq ta’ zewg *televisions* tal-marka Funai, apparat tal-*hi-fi*, apparat tal-fotografija, apparat tal-*computer*, zewg *play stations*, u xi affarijiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-hin, u li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ l-istess club;

2). Talli fil-Hamrun, fil-lejl ta’ bejn il-11 u t-12 ta’ Ottubru, 1999, minn hanut maghruf bhala ‘Tony’s Confectionery’ sitwat fi Triq Guze Pace, kkommettew serq ta’ kwantita’ ta’ pakketti tas-sigaretti u somma flus ghad-detriment ta’ Joseph Mangion u l-kumpanija ‘Central Cigarette Company Limited, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

Jason Gatt u Kevin Azzopardi wahedhom akkuzati:

3). Talli f'Santa Venera, fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Marzu, 1999, mill-Malta Labour Party Club sitwat fi Triq San Guzepp, ikkommettew serq ta' flus, apparat eletroniku u xi affarijiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, li swar ghad-detriment tad-dirigenti ta' l-istess club;

4). Talli fil-Floriana, fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' April, 1999, mic-Centru Bringata Laburista sitwat fi Pjazza Robert Sammut, ikkommettew serq ta' flus, sigaretti, u xi affarijiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-hin, li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta' l-istess club;

5). Talli fil-Hamrun, fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Gunju, 1999, mill-Club maghruf bhala 'St. Vernera Lightnings' sitwat fi Triq San Guzepp, ikkommettew serq ta' kaxxa *whisky*, kwantita' ta' sigaretti, flus u xi affarijiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta' l-istess club;

Jason Gatt, Kevin Azzopardi, Shaun Debono u Gordon Dimech wahedhom akkuzati:

6). Talli fil-Hamrun, fil-lejl ta' bejn it-12 u l-15 ta' Ottubru, 1999, mill-fond numru 293, sitwat fi 'Triq San Guzepp, ikkommettew serq ta' *television*, apparat tal-*hi-fi*, *microwave oven*, kwantita' ta' gojjelli tal-fidda, muniti ta' deheb, u xi affarijiet ohra ghad-detriment ta' Monica Anastasi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-hin;

Jason Gatt, Kevin Azzopardi, Shaun Debono, Gordon Dimech u George Azzpardi flimkien akkuzati:

7). Talli fl-istess zminijiet, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma taccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-detriment ta' diversi persuni;

8). Talli fit-28 ta’ Ottubru 1999, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’Malta, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat ta’ serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Gordon Dimech wahdu akkuzat:

9). Talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta’ Frar, 1999, u kif ukoll talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 13 ta’ Settembru, 1993, liema sentenza saret definittiva u ma’ tistax tigi mibdula;

Fl-ahhar nett Kevin Azzopardi wahdu akkuzat:

10). Talli sar recediv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 24 ta’ Mejju 1996 u 14 ta’ Mejju 1998, rispettivament, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment li fil-kaz ta’ htija, tikkundanna lill-imsemmija Jason Gatt, Kevin Azzopardi, Shaun Debono, Gordon Dimech u George Azzopardi ghall-hlas, ta’ l-ispejjes kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti f’dawn il-proceduri u dan ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta’ Shaun Debono ghal rigward tas-sitta (6), is-seba’ (7) u t-tmien (8) akkuza (ara fol.4 tal-process);

Semghet l-ammissjoni ta’ Jason Gatt tas-17 ta’ Novembru 2006 fejn ammetta ghall-ewwel tmien akkuzi;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat George Azzopardi ghall-ewwel (1), it-tieni (2), s-seba’ (7) u t-tmien (8) akkuza;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat Godron Dimech ghas-sitta (6) u s-seba’ (7) akkuza;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat Kevin Azzopardi ghat-tielet (3), ir-raba’ (4), il-hames (5), is-sitt (6) , is-seba’ (7), it-tmien (8), u l-ghaxar (10)-il akkuza;

Semghet il-konferma ta’ l-ammissjonijiet ta’ l-imputati kif fuq indikati wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat il-*Pre-Sentencing Reports* mahlufa mill-Probation Officers koncernati;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.357 u 358) taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputati;

Rat il-Verbal (a fol.309) fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati kollha, f’dawn il-proceduri, irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom, ghajr ghall-imputat Gordon Dimech, li ma

rregistrax ammissjoni ghal rigward tat-tmien u d-disa' akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti taghraf illi kif jidher mill-Verbal tad-Difiza datat 17 ta' Novembru 2006, illi t-tmien (8) akkuza migjuba kontra l-imputat Gordon Dimech, hija alternattiva ghall-akkuza ta' serq indikata fis-sitt (6) akkuza migjuba kontra tieghu illi taghha huwa rregistra ammissjoni piena. Ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat Gordon Dimech, mhux hati tat-tmien (8) akkuza li minnha tilliberah.

Ghal rigward, pero', tad-disgha (9) akkuza u cioe dik ta' ksur ta' sentenza sospiza, din il-Qorti rat is-sentenza Dok.AC28, redata mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi u x-xhieda ta' l-identita' tas-Superintendent Martin Bayliss, li tinstab a fol.281, illi ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova din l-akkuza bla dubbju detatt mir-raguni.

Ikkonsidrat:

Illi ghaldaqstant u fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Shaun Debono, hati tas-sitta (6), s-seba' (7) u t-tmien (8) akkuza;

fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Jason Gatt, hati ta' l-ewwel tmien akkuzi;

fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Gordon Dimech, hati tas-sitta u s-seba' akkuza, mhux hati tat-tmien akkuza, stante illi hija alternattiva ghas-sitt akkuza, hati tad-disgha akkuza;

fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Kevin Azzopardi, hati tat-tielet (3), ir-raba’ (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba’ (7) , it-tmien (8) u l-ghaxar (10)-il akkuza;

u wara li rat Artikoli 18, 28B(1)(2)(b), 49 50, 261(b)(c)(d)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 325 u 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

u ghaldaqstant tqieghed lill-imputat Shaun Debono taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ sentejn;

tqieghed lil Jason Gatt taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tlett snin;

tqieghed lil George Azzopardi taht Ordni ta’ Probation ta’ sentejn;

tqieghed lil Kevin Azzopardi taht Ordni ta’ Probation ta’ tlett snin;

kollha taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Ghal rigward ta’ Gordon Dimech, din il-Qorti qeghdha testendi l-perijodu operattiv ta’ sentenza ta’ sena prigunerija sospizi ghal sentejn, deciza mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi, Dok.AC28, ghal perijodu ta’ sentejn ohra illi ghandhom jibdew mid-data ta’ din is-sentenza.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista’ tal-fatt illi l-imputat kienu ghadhom ta’ eta’ giovanili meta wettqu r-reati

migjuba fil-konfront taghhom, in vista' tal-fatt illi fil-mori tal-kawza hallsu s-somma kwantifikata mill-Ufficjal Prosekutur ghal rigward tal-valur ta' l-oggetti misruqa u l-hsarat konsegwenti u in vista tar-rekkomandazzjonijiet tal-Probation Officers kontenuti fil-*Pre-sentencing Reports* ezebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------